# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-28 ta' Gunju, 2017.**

**Rikors Numru 239/2017 SM**

**Ryan Schoo (USA Passport NRU: 488405330) u martu Denise Schoo (USA Passport NRU: 488413182)**

**vs.**

**Patricia Sieminski (ID Card Nru: 24352A)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat iz-17 ta' Marzu, 2017, li permezz tieghu r-rikorrenti fuq indikati sintetikament esponew is-segwenti, (ara foll 1):

1.1. Illi fil-25 t'Ottubru, 2016, iffirmaw konvenju mal-intimata, (ara foll 5);

1.2. Illi permezz tal-istess l-intimata obbligat ruhha li tbiegh lir-rikorrenti l-fond hemm indikat fi Triq il-Lellux, il-Mellieha, (ara foll 1 u 6);

1.3. Illi l-istess konvenju kellu jibqa' validu sal-24 ta' Frar, 2017, (ara klawsola 10 a foll 9);

1.4. Illi r-rikorrenti hallsu €16,000.00 depozitu in akkont ghand u lin-Nutar Dottor Marco Buttigieg, (ara foll 6);

1.5. Illi ghalkemm ir-rikorrenti interpellaw lill-intimata permezz t'ittra ufficjali datata t-22 ta' Frar, 2017, biex din taddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-att finali kontemplat fl-istess konvenju fuq indikat, din baqghet inadempjenti, (ara foll 12);

1.6. Illi r-rikorrenti jezigu l-konkluzjoni tal-bejgh prospettat u mwieghed fl-istess konvenju fuq riferit;

1.7. Illi ghaldaqstant, aderew din il-qorti biex l-intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.7.1. Tikkundanna lill-intimata taddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-att finali tal-proprjeta` in dizamina fuq riferita u sitwata fi Triq il-Lellux, il-Mellieha, *ai termini* tal-kundizzjonijiet pattwiti fil-konvenju fuq indikat, (ara foll 5);

1.7.2. Tiffissa data, hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-att finali fuq indikat;

1.7.3. Tinnomina lin-Nutar Dottor Marco Buttigieg biex jippubblika l-imsemmi att finali;

1.7.4. Tinnomina kuratur ghall-eventwali kontumacja tal-intimata;

1.7.5. Illi jekk jirrizulta li l-kuntratt finali ta' bejgh favur ir-rikorrenti ma jkunx jista` jsir kif imwieghed, l-

intimata tigi dikjarata responsabbli ghad-danni ikkagunati lir-rikorrenti;

1.7.6. Illi ghalhekk, tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti;

1.7.7. Tikkundanna lill-intimata thallas lir-rikorrenti d-danni hekk likwidati;

1.7.8. Tordna r-rifuzjoni tad-depozitu gia` mhallas mir-rikorrenti;

1.7.9. Bl-ispejjez kontra l-intimata;

2. Rat in-notifika datata d-29 ta' Marzu, 2017, (ara foll 15), li permezz taghha jirrizulta assodat li l-intimata giet debitament notifikata bir-rikors guramentat promotur u bl-avviz ghas-smigh tal-kawza, (ara foll 17);

3. Tirrileva li l-intimata baqghet fi stat ta' kontumacja;

4. Ezaminat id-dokumenti pprezentati *in atti*;

5. Semghet lir-rikorrenti jikkonferma bil-gurament tieghu l-fatti minnu gia` esposti fir-rikors guramentat promotur;

6. Rat id-digriet taghha datat l-1 ta' Gunju, 2017, li permezz tieghu, *ai termini* tal-artiklu 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, awtorizzat lill-intimata tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha permezz ta' nota kif hemm stabbilit, sad-data indikata fl-istess digriet;

7. Tirrileva li d-data hemm stabbilita ghaddiet inutilment;

8. Tirrileva wkoll li r-rikorrenti irtiraw il-hames, (5), sitt, (6), u sebgha, (7), talbiet taghhom, (ara foll 18);

Ikkunsidrat:

9.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

9.1. Tikkundanna lill-intimata biex taddivjeni ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt finali rigwardanti l-proprjeta` fuq indikata fi Triq il-Lellux, il-Mellieha, skont il-pattijiet u kundizzjonijiet tal-konvenju datat il-25 t'Ottubru, 2016, fuq imsemmi;

9.2. Tordna li dan il-kuntratt finali jsir fi zmien mhux aktar tard minn tliet (3) xhur kif stabbilit minn Nutar indikat aktar 'l quddiem;

9.3. Tinnomina ghal dan il-ghan lin-Nutar Dottor Marco Buttigieg biex jippubblika l-imsemmi kuntratt finali;

9.4. Tinnomina kuratur li jmissu skont it-turn biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci;

9.5. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimata;

10. Illi finalment tirrileva li *stante* li r-rikorrenti irtiraw il-hames (5), is-sitt (6) u s-sebgha (7) talbiet minnhom originarjament mitluba, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

________________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**